**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Gunju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**vs**
**Emad Masoud ta' 46 sena iben Aalahmed Abdel u Gamela nee' Mansour imwieled l-Egittu nhar il-25 ta' Novembru, 1967, residenti gewwa 34, Randor, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bi numru: 0029013(A);**

Kumpilazzjoni Nru. 46/14

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Emad Masoud u ċioè talli:

**1.** Ipproduċa, biegħ jew xort' ohra ttraffika r-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Biegħ jew xort' oħra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Art 8 (e) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**3.** Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-

Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluċi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni maghmula mill-Avukat Generali tal-1 ta' Frar, 2014 ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101, tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Semghet l-Ispettur Nikolai Sant jiddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-provvediment tal-Artikolu 29 tal-Kap.101, ta' l-Ligijiet ta' Malta, b'zewg gradi, u ghalhekk rrakomanda li l-imputat ghandu jibbenefika minn piena fil-minimu anke in vista tal-ammonti tas-sustanzi illeciti misjuba.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat nhar id-19 t' April, 2016, ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-ammissjoni registrata mill-imputat, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi inkwantu għall-piena, din il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ inkluż l-ammont tad-droga li ma kienx wieħed allarmanti, l-fedina penali tiegħu li hija kważi netta kif ukoll dak li ġie dikjarat mill-Uffiċjal Prosekutur.

Għaldaqstant il-Qorti wara li t-Taqsima III, IV u VI, l-artikoli 8(b), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni issib lill-imputat ħati ta'l-akkuzi miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal perijodu ta' ħames xhur priġunerija u multa ta' ħames mitt ewro.

Finalment il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, għall-**protezzjoni tal-istess ħati għar-raġunijiet fuq imsemmija** sabiex jiskonta l-piena fuqu imposta fil-*Forensic Unit,* Sptar Monte Carmeli.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**